# BEATI U QADDISIN...MEJJU

5 ta' Mejju

Sant' Anglu minn Gerusalemm

Anglu twieled gewwa Gerusalemm fis-sena 1185 minn genituri lhud konvertiti. Wara l-mewt taghhom Anglu u huh it-tewmi Govanni dahlu fl-ordni Karmelitana. Huwa pprofessaw meta San Brocardo kien superjur Generali u bdew il-hajja religjuza taghhom fil-kunvent fuq il-muntanja Karmelu.

Ghalkemm fil-bidu l-Karmelitani kienu ordni kontemplattiva, fis-seklu XII saru ordni mendikanti.

Kienu z-zminijiet li fihom San Frangisk minn Assisi u San Duminku, li waqqfu l-odnijiet taghhom mendikanti kienu qed jaghmlu tant taqlib spiritwali gewwa l-Ewropa. U kien f'dan iz-zmien li hu dahal jaghmel parti minn din l-ordni. Ta' 25 sena gie ordnat sacerdot u tlett snin wara gie mibghut fuq missjoni gewwa Ruma



Pietro Novelli (detto Il Monrealese), Nostra Signora del Carmelo e Santi (Simone Stock, Angelo da Gerusalemme, Maria Maddalena de' Pazzi, Teresa d'Avila), 1641, Museo Diocesano, Palermo

biex juri u jiehu minghand il-Papa Onorju III l-konferma tar-regola l-gdida tal-Karmelu.  Il-Papa kien l-istess wiehed li approva l-ordni frangiskana; tah l-kunsens tieghu fis-sena 1226.

Wara li ippridka tant tajjeb gewwa San Giovanni Latern, Anglu intbaghat gewwa Sqallija fejn il-"Catari" kienu qed jimpestaw il-gzira bit-taghlim hazin taghhom kontra t-twemmin kattoliku.  Meta jum wiehed kien qieghed f'Licata gewwa Agrigento huwa habbat wiccu ma' wiehed mis-setta jismu Berengarju li kien qed jghix hajja tassew hazina ma' mara ohra.  Anglu ipperswada lil din il-mara biex tbiddel hajjitha u meta din telqet lil Berengarju, dan ta' l-ahhar tant intilef li habat ghal Anglu u tah 5 daqqiet ta' xabla waqt li kien qed jippridka gewwa l-knisja ta' San Filippu u San Gakbu.

Id-daqqiet kienu mortali.  Xi uhud haduh go dar fil-qrib  fejn miet hames itjiem wara, jigifieri fil-5 ta' Mejju 1225. Waqt li kien qed imut talab lill-fidili biex jahfru lil assassin tieghu. Huwa gie midfun fl-istess knisja fejn kien assassinat u l-qabar tieghu malajr sar post ta' pellegrinaggi u devozzjoni. Il-kult lejh malajr xtered u l-Papa Piju II approva l-kult lejh fis-sena 1456.  Il-fdalijiet tieghu gew trasferiti gol-knisja gdida tal-Kamelitani li l-nies ta' Licata bnew ghall-gieh tieghu minhabba li bl-intercessjoni tieghu huma helsu mill-pesta fis-sena 1656.